MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 99/1997/1

**Grezzju, Sapienza, Karmenu u**
**Lourdes mart Rozario Camilleri**
**ahwa Bonnici**

**vs**

**George Diacono**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni ppresentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Jannar, 1997 l-atturi ppremettew li huma anzjani u li jidhlu minn dahla li tibda minn St. Benedict Street, numru 36 Hal Chircop, liema passagg jaghti ghal gor-razzett liema razzett hu mdawwar bicciet ta’ raba’ li jinsabu fost il-bini fejn bicca zghira l-istess atturi huma proprjetarji filwaqt li bicctejn ohra huma imqabblin favur l-attur Grezzju Bonnici; illi l-istess atturi huma ko-proprjetarji tal-imsemmi passagg fejn fil-11 ta’ Dicembru, 1996 abbuzivament u minghajr ebda dritt gie imbarrat bil-kantum mal-qiegh tal-bieb ta’ barra li jaghti ghal dan il-passagg kif ukoll tpoggiet kanna biex l-atturi jkunu projbiti u jsibu diffikulta` biex jidhlu anki bil-mutur tal-hart u biex jgawdu l-istess imsemmi raba’ u passagg kif inhu xieraq; illi dan huwa spoll tad-drittijiet tal-atturi fejn dan ix-xoghol sar minghajr ebda raguni valida fil-ligi; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:-

1. li l-konvenut jigi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju jerga’ jqieghed lill-istess atturi fl-istat ewlieni ta’ godiment tad-dritt ta’ passagg u anki peress illi huma ko-proprjetarji li minnu gew spoljati mill-konvenut kif intqal fuq u dan ghal ebda raguni valida fil-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni u b’rizerva ghall-azzjoni tad-danni sofferti u li ghad jistaw jsofru l-istess atturi minhabba l-agir abbusiv tal-istess konvenut.

B’nota pprezentata fil-11 ta’ Marzu 1997, l-konvenut eccepixxa:-

1. Preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni in kwantu intavolata kontra l-eccipjent biss u mhux ukoll kontra martu, kif hu mehtieg bil-ligi meta si tratta ta’ proprjeta` immobbli.
2. In-nullita` tal-azzjoni intavolata in kwantu ‘actio spolii’ stante l-karenza tal-element tal-“infra bimestre deducisse” (*sic!*) li hu mehtieg ‘ad validitatem’ ghar-riuxxita tal-‘actio spolii’.
3. Illi mhux minnu illi l-atturi huma komproprjetarji ta’ dan il-passagg izda ghandhom biss jedd ta’ passagg bir-rigel.

4. Illi l-konvenut ma kkommetta ebda att spoljattiv stante illi mhux qed itellef dan il-jedd ta’ passagg bir-rigel, tant illi l-atturi ghadhom sal-lum jezercitaw dan il-jedd u jghaddu minn dal-passagg.
5. Illi l-esponent ma kkommetta ebda att spoljattiv ghad-dannu tal-atturi.
6. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-atturi.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tal-25 ta’ Mejju, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghaddiet biex laqghat it-talba attrici u iddikjarat li l-atturi gew spoljati mill-konvenut ghall-ebda raguni valida fil-ligi fil-godiment taghhom tad-dritt ta’ passagg in kwestjoni u b’hekk ikkundannat lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mid-data tas-sentenza inehhi l-ostakoli kollha li pogga ghar-rigward tal-istess passagg u konsegwentement jqieghed lill-istess atturi fl-istat ewlieni ta’ godiment tad-dritt ta’ passagg – bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-
“*Din l-azzjoni tal-atturi hi wahda possessorja ta’ spoll privileggjat. In effetti it-termini stess tac-citazzjoni jindikaw dan. F’dan ir-rigward jista’ jinghad li gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza “Michael Mamo vs Philip Grima” deciza fis-7 ta’ Frar 1958 illi “*n-natura tal-azzjoni ghandha tigi principalment dezunta mit-termini li fihom tkun koncepita c-citazzjoni.”

*“Jirrizulta ghalhekk li din l-azzjoni hi maghmula a basi tal-provedimenti tal-artikolu 535 tal-Kodici Civili (Kap 16). Sabiex tirnexxi din l-azzjoni ma hemmx ghalfejn li l-atturi jippruvaw li huma s-sidien tal-passagg in kwestjoni. Hu bizzejjed li l-atturi jipprovaw li huma semplicement il-possessuri tal-istess passagg in kwestjoni u li huma gew molestati mill-konvenut. Inoltre b’referenza ghall-artikolu 524 tal-istess Kodici Civili hu bizzejjed li l-atturi jipprovaw l-anqas grad ta’ pussess, u cioe` li huma kienu almenu qed jiddetjenu ghan-nom ta’ haddiehor. Ghalhekk b’referenza ghall-eccezzjoni tal-konvenut li l-atturi mhux sidien tal-passagg in kwestjoni, hu bizzejjed li l-istess*

*atturi jipprovaw li huma kienu possessuri jew detenturi tal-istess passagg. In effetti il-konvenut stess jammetti li l-atturi ghandhom id-dritt li juzaw u li jghaddu mill-passagg in kwestjoni. Jirrizulta ghalhekk ipprovat li l-atturi huma possessuri tal-istess passagg.*

*"Jirrizulta wkoll li l-atturi gew molestati f'dan il-pussess mill-konvenut. Hawnekk ukoll il-konvenut jammetti li kien hu li pogga l-kantum u l-kanna sabiex jostakola lill-atturi fl-uzu taghhom tal-passagg. Il-konvenut jghid li ghamel dan l-ostakolu sabiex jassikura li l-atturi jghaddu biss bir-rigel. Is-semplici fatt li l-attur (recte 'konvenut') pogga dan l-ostakolu hu molestja ghall-atturi fil-godiment taghhom tal-passagg. Inoltre bl-ebda mod ma gie pruvat li l-atturi jgawdu biss dritt ta' passagg bir-rigel.*

*"Skond l-artikolu 535 tal-Kodici Civili l-azzjoni ta' spoll privileggjat trid issir fi zmien xaharejn minn meta jkun sar l-ispoll. Il-konvenut qed jeccepixxi li din l-azzjoni ma saritx fl-imsemmi zmien li trid il-ligi. L-atturi kkonfermaw li raw lill-konvenut jaghmel l-ostakolu in kwestjoni fil-11 ta' Dicembru, 1996. Da parti tieghu l-konvenut qal li l-kantun poggieh bejn April u Mejju tal-1996 u sabiex jikkonferma dan huwa esibixxa zewg ittri li gew mibghutin lilu mill-konsulent legali tal-atturi li jikkoncernaw l-imsemmi ostakolu liema ittri huma datati Awissu 1996 u Settembru 1996. Il-konvenut stess jammetti, pero`, li kien hemm okkazzjonijiet ohra precedenti fejn huwa kien pogga ostakolu fil-passagg in kwestjoni u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li l-imsemmija ittri jirriferu ghall-dawn l-okkazzjonijiet precedenti. Ghalhekk jirrizulta sufficjetement pruvat li l-ostakolu tqieghed mill-konvenut f'Dicembru 1996 u konsegwentement din l-azzjoni saret fi zmien li trid il-ligi.*

*"Ghandu jinghad ukoll li minhabba n-natura stess ta' din l-azzjoni ma kienx hemm ghalfejn li tigi wkoll imharrka mart il-konvenut. F'dan ir-rigward, ghalhekk, ma tirrizulta ebda nullita`."*

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors ippresentat fit-12 ta' Gunju, 2001 interpona appell lil din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza tal-25 ta' Mejju, 2001 u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici msemmija fic-citazzjoni u tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` (sic) appellanti, blispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

Fir-risposta taghhom l-atturi appellati talbu li s-sentenza appellata tigi konfermata nkwantu hija gusta u billi wkoll, skond l-istess atturi appellati, "*kull aspett gie ezaminat mill-(Ewwel) Onorabbli Qorti.*"

**l-Aggravji tal-konvenut appellant.**

Minn qari akkurat tar-rikorst ta' l-appell jidher li dan huwa impostat principalment fuq l-assenza tal-element tal-*infra bimestre* mehtieg fi kawzi ta' spoll privileggjat. Fit-tieni lok qed jigi sottomess li "*fuq bilanc ta' probabilita` hija aktar verosimili t-tezi tar-rikorrent minn dik ta' l-attur.*" Dwar dan l-ahhar aggravju mhux specifikat ghal xhiex il-konvenut appellant qed jirriferi u cioe` jekk dan l-aggravju jikkoncernax dak li gie sottomess fl-ewwel aggravju dwar l-aspett tal-element essenzjali biex azzjoni simili tirnexxi jew jekk kienx hemm jew le spoll perpetrat mill-istess konvenut appellant. Dwar it-tieni ipotezi jigi rilevat, kif sewwa qalet l-ewwel qorti, li kien hemm ammissjoni da parti tal-istess konvenut meta huwa "*jammetti li kien hu li pogga l-kantun u kanna sabiex jostakola lill-atturi fl-uzu taghhom tal-passagg.*" F'dan il-kuntest ghalhekk jidher li dan l-aggravju mhux gustifikat. L-aspett l-iehor kontempla f'dan l-aggravju ser jigi kunsidrat taht l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Il-konvenut appellant qed jissottometti li l-azzjoni intavolata mill-atturi kienet perenta in kwantu din giet proposta wara li kien skada t-terminu ta' xahrejn imsemmi fl-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan billi, skond il-konvenut appellant, l-ewwel qorti kienet skorretta

meta skartat il-provi prodotti minnu, konsistenti f'ittri legali mibghuta precedentement mid-difensur tal-atturi, in konnessjoni ma allegat spoll li gie kommess zmien qabel dak li jissemma fic-citazzjoni. Il-konvenut appellant f'dan ir-rigward jissottometti li kemm-il darba jirrizulta li kien hemm att spoljattiv qabel dak ta' Dicembru, 1996 l-azzjoni kellha tigi istitwita fit-terminu ta' xahrejn minn dak l-att.

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din is-sottomissjoni tal-konvenut billi, fl-ewwel lok, jirrizulta li l-qorti ta' prim istanza hadet konjizzjoni ta' din il-prova, biss warbitha bhala irrilevanti ghall-fini tal-kawza u l-eccezzjoni proposta mill-konvenut. Fit-tieni lok, u dan jidher li kien il-bazi tal-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti, persuna tista' tigi spoljata mid-drittijiet taghha f'izjed minn okkazzjoni wahda, b'dana kollu dik il-persuna mhux tenuta li tagixxi gudizzjarjament ghal kull spoll hekk kommess. Dan in-nuqqas tal-ispoljat ma jirradika ebda dritt fl-ispoljant fir-rigward ta' spoll futur fuq l-istess suggett. Huwa minnu, kif jirrizulta mill-ittra tat-30 ta' Awissu 1996 mibghuta mid-difensur ta' l-atturi, li gie allegat li l-konvenut kien, precedentement ghad-data imsemmija fic-citazzjoni, ikkometta spoll fil-konfront taghhom. Pero' jirrizulta wkoll li fil-11 ta' Dicembru 1996 huma regaw raw lill-konvenut jaghmel l-ostakolu in kwestjoni. Dan jista' ifisser biss li wara dik l-ittra interpellatorja l-istess konvenut kien irreintegra lill-atturi fid-drittijiet taghhom u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta' proceduri legali. Dan qed jinghad billi l-ispoll kien qed jigi kommess bis-semplici tqeghid ta' kantun fil-passagg, haga li facilment setghet titnehha.  Kien biss meta l-istess konvenut rega' pogga l-ostakolu, konsistenti f' kantun u kanna, f'Dicembru 1996, li l-atturi ddecidew li jistitwixxu dawn il-proceduri. Liema proceduri, tenut kont tad-data tal-allegat ispoll u d-data tal-prezentata tac-citazzjoni, jidhru li gew istitwiti fit-terminu preskritt fl-Artikolu 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata b'dana li t-terminu ta' xahar moghti fis-sentenza appellata ghar-reintegrazzjoni tal-pussess jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjes ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------